# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

BRUSSELL, 19/10/2010

BAĠIT ĠENERALI - 2010
TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI 01, 04, 40

TRASFERIMENT TA' APPROPRJAZZJONIJIET
Nru **DEC 37/2010**

EUR

## MINN

| | | |
|---|---|---|
| **KAPITOLU** - 0104 Operazzjonijiet u strumenti finanzjarji | | |
| ARTIKOLU - 01 04 04 Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni - Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni | Ħlasijiet | - 2 247 940 |
| **KAPITOLU** - 4002 Riżervi għal interventi finanzjarji | | |
| ARTIKOLU - 40 02 43 Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | Impenji | - 2 247 940 |

## GĦAL

| | | |
|---|---|---|
| **KAPITOLU** - 0405 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) | | |
| ARTIKOLU - 04 05 01 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) | Impenji | 2 247 940 |
| | Ħlasijiet | 2 247 940 |

## INTRODUZZJONI

Ir-Regolament 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006, kif emendat bir-Regolament (KE) 546/2009, jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG). Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba jistabbilixxi l-qafas baġitarju.

## I. ŻIEDA

### a) Intestatura

**04 05 01 - Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF)**

### b) Ċifri fl-14/07/2010

| | | Impenji | Ħlasijiet |
|---|---|---|---|
| 1A. | Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + AB) | p.m. | p.m. |
| 1B. | Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA) | 0 | 0 |
| 2. | Trasferimenti | 19 881 554 | 19 881 554 |
| 3. | Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2) | 19 881 554 | 19 881 554 |
| 4. | Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali | 8 238 485 | 8 238 485 |
| **5.** | **Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)** | **11 643 069** | **11 643 069** |
| **6.** | **Ħtiġijiet sa tmiem is-sena** | **13 891 009** | **13 891 009** |
| **7.** | **Żieda proposta** | **2 247 940** | **2 247 940** |
| 8. | Żieda bħala perċentwali tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A) | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| 9. | Żieda, bħala persentaġġ tal-approprjazzjoni finali tas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulata skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

### c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

| | | Impenji | Ħlasijiet |
|---|---|---|---|
| 1. | Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena | 0 | 0 |
| 2. | Approprjazzjoni disponibbli fl-14/07/2010 | 0 | 0 |
| 3. | Rata ta' utilizzazzjoni [(1-2)/1] | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

### d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għall-applikazzjoni EGF/2010/014 SI/Mura mressqa mis-Slovenja huma ssodisfati [COM (2010) 582].

L-ammont ta' EUR 2 247 940 mitlub mis-Slovenja se jikkontribwixxi għall-kost ta' pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati eliġibbli favur 2 554 sensja fis-settur tat-tessuti fis-Slovenja, billi jipprovdi assistenza sabiex il-ħaddiema milqutin jiġu integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Is-sensji ġew ikkawżati mill-kriżi ekonomika u finanzjarja globali.

## II. TNAQQIS

### II.A.

a) Intestatura

**01 04 04 - Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni - Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni**

b) Ċifri fl-14/07/2010

| | | Ħlasijiet |
|---|---|---|
| 1A. | Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + AB) | 91 900 000 |
| 1B. | Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA) | 2 315 880 |
| 2. | Trasferimenti | 0 |
| 3. | Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2) | 94 215 880 |
| 4. | Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali | 0 |
| **5.** | **Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)** | **94 215 880** |
| **6.** | **Ħtiġijiet sa tmiem is-sena** | **91 967 940** |
| **7.** | **Tnaqqis propost** | **2 247 940** |
| 8. | Tnaqqis bħala perċentwali tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A) | 2,45% |
| 9. | Tnaqqis, bħala perċentwali tal-approprjazzjoni finali tas-sena, mis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulat skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni | Mhux applikabbli |

c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

| | | Ħlasijiet |
|---|---|---|
| 1. | Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena | 0 |
| 2. | Approprjazzjoni disponibbli fl-14/07/2010 | 0 |
| 3. | Rata ta' utilizzazzjoni [(1-2)/1] | Mhux applikabbli |

d) Id-dettalji dwar ir-raġunijiet għat-trasferiment

Fl-istat attwali ta' implimentazzjoni, jista' jitbassar li l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet disponibbli taħt il-linja baġitarja 01 04 04 fl-2010 mhumiex ser jintużaw kollha din is-sena.

L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet huma trasferiti f'kontijiet fiduċjarji kif meħtieġ biex jiżguraw li l-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI) ikun dejjem f'pożizzjoni li jħallas lill-intermedjarji finanzjarji.

L-ammont ta' ħlasijiet meħtieġa fi kwalunkwe sena jiddependi fuq il-bżonnijiet tas-suq u li jkunu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet matul l-implimentazzjoni tal-kuntratti ffirmati. Għalhekk, teżisti diskrepanza inerenti fiż-żmien bejn it-trasferiment għall-kontijiet fiduċjarji u l-ħlasijiet lill-benefiċjarji.

Il-kriżi finanzjarja kellha effett maġġuri fuq il-profil tal-ħlasijiet tal-istrumenti finanzjarji, partikolarment dawk fil-qasam tal-kapital ta' riskju. Skont l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kapital ta' Riskju (EVCA), l-investimenti u d-divestimenti (ċessjonijiet) tnaqqsu b'iktar minn nofs bejn l-2007 u l-2009 meta mqabbla mas-sitwazzjoni qabel il-kriżi. Dawn l-iżviluppi kellhom ukoll impatt sostanzjali fuq it-tbassir fejn jidħlu ħlasijiet għall-2010.

Barra minn hekk, sabiex ikunu evitati bilanċi eċċessivi fuq il-kontijiet fiduċjarji, il-FEI u s-servizzi tal-Kummissjoni analizzaw il-metodu li bih ikunu kkalkulati l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet u qablu dwar numru ta' aġġustamenti biex itejbu l-affidabilità tagħha.

B'konsegwenza ta' dawn iż-żewġ elementi hawn fuq imsemmija, approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet imbassra fil-baġit tal-2010 mhux ser ikunu kompletament meħtieġa fl-2010. L-ammont ta' EUR 2 247 940 jista' għalhekk isir disponibbli għat-trasferiment.

**II.B.**

a) Intestatura

**40 02 43 - Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**

b) Ċifri fl-14/07/2010

| | | Impenji |
|---|---|---|
| 1A. | Approprjazzjoni fil-baġit (baġit inizjali + AB) | 500 000 000 |
| 1B. | Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA) | 0 |
| 2. | Trasferimenti | -20 991 554 |
| 3. | Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2) | 479 008 446 |
| 4. | Utilizzazzjoni tal-approprjazzjoni finali | 0 |
| **5.** | **Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)** | **479 008 446** |
| **6.** | **Ħtiġijiet sa tmiem is-sena** | **mhux applikabbli** |
| **7.** | **Tnaqqis propost** | **2 247 940** |
| 8. | Tnaqqis bħala perċentwali tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A) | 0,45% |
| 9. | Tnaqqis, bħala perċentwali tal-approprjazzjoni finali tas-sena, mis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkulat skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni | Mhux applikabbli |

c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

| | | Impenji |
|---|---|---|
| 1. | Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena | Mhux applikabbli |
| 2. | Approprjazzjoni disponibbli fl-14/07/2010 | Mhux applikabbli |
| 3. | Rata ta' utilizzazzjoni [(1-2)/1] | Mhux applikabbli |

d) Id-dettalji dwar ir-raġunijiet għat-trasferiment

Skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja tajba, ir-riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni tfasslet bil-ħsieb li tipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jsofru mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fit-tendenzi tal-kummerċ dinji u biex tassistihom biex jiġu integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.